IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2019
COM(2019) 188 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-ATTIVITÀ ESTERNA TAL-BEI FL-2017 B'GARANZIJA BAĠITARIJA TAL-UE

MT MT

1. INTRODUZZJONI

Il-Mandat ta' Self Estern (ELM) huwa strument importanti li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-investiment fil-pajjiżi sħab. Dan huwa bbażat fuq sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), u permezz tiegħu, il-Kummissjoni tipprovdi garanzija mill-baġit tal-UE biex il-BEI jkun jista' jżid is-self tiegħu barra mill-UE bħala appoġġ għall-politiki tal-UE.

L-ELM jappoġġa l-attività tal-BEI fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fl-Asja, fl-Amerka Latina u fl-Afrika t'Isfel. Fil-perjodu attwali tal-ELM (2014-2020), il-baġit tal-UE jiggarantixxi massimu ta' EUR 32,3 biljun ta' operazzjonijiet tal-BEI, b'limiti massimi stabbiliti għad-diversi reġjuni u sottoreġjuni ġeografiċi.

Fl-14 ta' Marzu 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2018/412[1] li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE[2] fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ELM. Waħda mill-bidliet ewlenin kienet żieda fil-limitu massimu tal-ELM minn EUR 27 biljun għal EUR 32,3 biljun. Id-deċiżjoni emendatorja żiedet ukoll objettiv ġdid ta' reżiljenza ekonomika fit-tul tar-rifuġjati, il-migranti, il-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u l-komunitajiet ta' oriġini bħala tweġiba strateġika biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. Fi ħdan il-limitu massimu l-ġdid ta' EUR 32,3 biljun, ġie ddedikat mandat ta' garanzija ta' EUR 3,7 biljun għal dan l-objettiv il-ġdid, li jibni fuq l-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika (ERI) li tnediet mill-BEI fl-2016.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE fl-2017, inkluża informazzjoni dwar l-impatti futuri mistennija tal-operazzjonijiet ta' finanzjament li ġew iffirmati fl-2017 abbażi tal-Qafas għall-Kejl tar-Riżultati (REM) tal-BEI[3]. Dan jagħti wkoll sommarju tal-operazzjonijiet imwettqa mill-BEI mingħajr il-garanzija tal-UE (jiġifieri għar-"riskju proprju" tiegħu) sabiex jagħti stampa sħiħa tal-attività tal-BEI fir-reġjuni koperti mill-ELM[4].

Skont l-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE (id-"Deċiżjoni tal-ELM"), sa Ġunju 2019, il-Kummissjoni se tippubblika evalwazzjoni aktar dettaljata tal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-UE għall-Mandat ta' Self Estern.

2. RIŻULTATI EWLENIN

Fl-2017, il-BEI ssottoskriva operazzjonijiet ta' finanzjament b'valur totali ta' EUR 5,5 biljun fir-reġjuni koperti mill-Mandat ta' Self Estern, li huwa 19 % aktar baxx meta mqabbel mas-sena preċedenti (EUR 6,8 biljun). Minn dan it-total, 57 % tal-operazzjonijiet tal-BEI twettqu taħt il-garanzija tal-UE (jiġifieri, taħt l-ELM), fejn ġew iffirmati 45 kuntratt ta' self li

1 ĠU L 76, 19.03.2018, p. 30.

2 ĠU L 135, 08.05.2014, p. 1.

3 Dan ir-rapport tħejja skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi l-Mandat ta' Self Estern.

4 Il-BEI bħalissa għandu erba' Faċilitajiet tar-Riskju Proprju fir-reġjuni tal-ELM, jiġifieri l-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni (PAF), il-Faċilità tal-Finanzjament tal-Viċinat (NFF), il-Faċilità tal-Azzjoni Klimatika u l-Ambjent (CAEF) u l-Faċilità tal-Proġetti Strateġiċi (SPF). L-aħħar żewġ faċilitajiet ikopru wkoll il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej tal-Istati Membri tal-UE.

jammontaw għal EUR 3,2 biljun. It-tnaqqis fil-volum ta' sottoskrizzjonijiet jiġi spjegat b'mod partikolari bit-tnaqqis tal-operazzjonijiet tal-BEI fit-Turkija fil-Viċinat tal-Lvant. Fis-snin preċedenti, il-BEI kien żviluppa volumi kbar ta' investiment f'dawn iż-żoni, inkluż taħt il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ukrajna, li l-implimentazzjoni tiegħu kienet wasslet għall-eżawriment kważi totali tal-limitu massimu reġjonali tal-ELM għall-Viċinat tal-Lvant.

Il-BEI kompla jaħdem lejn il-miri applikabbli fir-rigward tal-investiment fil-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Fl-2017, il-BEI ssottoskriva EUR 2,2 biljun ta' self fir-reġjuni tal-ELM bħala appoġġ favur l-azzjoni klimatika. Fit-tmiem tal-2017, il-proporzjon ta' azzjoni klimatika kumulattiva fil-perjodu tal-mandat ta' 2014-2020 kien ogħla minn 32 % tas-sottoskrizzjonijiet. Is-self relatat mal-klima fl-Asja huwa kontributur prinċipali għal dik il-mira.

Min-naħa l-oħra, l-appoġġ tal-BEI għall-objettiv tal-integrazzjoni reġjonali kien ferm aktar baxx fl-2017 milli fl-2016 (inqas b'EUR 1,5 biljun għal EUR 261 miljun), fil-biċċa l-kbira minħabba l-volumi tas-self aktar baxxi fit-Turkija.

Il-livell ta' żborżi taħt l-ELM 2014-20 laħaq 25 % tas-sottoskrizzjonijiet netti fit-tmiem tal-2017, li żdied minn 18 % fl-2016.

3. OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT

3.1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT SKONT L-OBJETTIV

Qabel l-emenda tagħha f'Marzu 2018, id-Deċiżjoni tal-ELM stipulat tliet objettivi ewlenin għall-operazzjonijiet kollha tal-BEI koperti mill-garanzija baġitarja tal-UE:

(i) L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji ("SMEs")
(ii) L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika
(iii) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih

L-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi, b'mod partikolari fost il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-pajjiżi tal-Viċinat u l-UE, ilha objettiv sottostanti addizzjonali għal operazzjonijiet li jittrattaw wieħed jew aktar mill-objettivi ewlenin.

Id-Deċiżjoni emendatorja (UE) 2018/412 introduċiet objettiv ġdid li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, madankollu ta' min jinnota li dan l-objettiv il-ġdid ma kienx fis-seħħ matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport.

Il-volum totali tal-investimenti tal-BEI li ġew iffirmati fir-reġjuni tal-ELM ammontaw għal EUR 5,529 biljun fl-2017, li minnhom EUR 3,168 biljun ġew iffirmati taħt il-garanzija tal-UE. Taħt l-ELM, 50 % tas-sottoskrizzjonijiet il-ġodda (EUR 1,6 biljun) se jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur privat lokali, prinċipalment permezz ta' titjib fl-aċċess għall-finanzjament tal-SMEs, il-mikrointrapriżi u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Il-50 % l-oħrajn sejrn jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali u ekonomika. L-operazzjonijiet kollha tal-BEI barra mill-UE jappoġġaw wieħed minn dawn l-objettivi jew it-tnejn li huma.

Taħt l-ELM, 25 % tal-volum totali li ġie ffirmat fl-2017 se jikkontribwixxi għall-objettiv tal-azzjoni klimatika (EUR 799 miljun). Dan l-appoġġ għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa mifrux fuq 56 proġett individwali.

Proporzjon baxx ta' 5 % (EUR 170 miljun) ta' finanzjament tal-BEI skont l-ELM se jappoġġa wkoll l-objettiv trasversali tal-integrazzjoni reġjonali, kemm permezz tal-iżvilupp infrastrutturali kif ukoll permezz tal-appoġġ għall-aċċess għall-finanzjament mis-settur privat lokali.

Il-kontribuzzjoni tal-attività tal-BEI għall-objettivi tal-ELM hija riflessa fiċ-Ċart 1, li tqis l-operazzjonijiet kollha tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM.

Ċart 1: Kontribuzzjoni għall-objettivi tal-ELM (f'miljuni ta' EUR)



Proġett wieħed jista' jikkontribwixxi għal aktar minn objettiv wieħed tal-Mandat. L-objettivi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Integrazzjoni Reġjonali huma objettivi trasversali li japplikaw għall-proġetti kollha u għalhekk ma jistgħux jiżdiedu mat-tnejn l-oħra. Il-volum speċifiku għall-Iżvilupp tas-Settur Privat Lokali u l-Infrastruttura Ekonomika u Soċjali mgħoddija flimkien jagħtu l-volum speċifiku totali.

Żvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs

L-appoġġ tal-BEI għall-iżvilupp tas-settur privat lokali jieħu forom differenti:

- l-estensjoni tal-linji ta' kreditu għal intermedjarji finanzjarji lokali (prinċipalment banek) għall-għoti ta' self għall-SMEs
- il-parteċipazzjoni f'fondi tal-ekwità privata u kapital ta' riskju f'kumpaniji b'potenzjal kbir ta' tkabbir
- il-finanzjament b'ekwità għal fornituri tal-mikrofinanzi
- is-self dirett għall-iżvilupp industrijali u r-R&Ż għall-kumpaniji ta' daqs akbar.

Il-BEI ssottoskriva EUR 2,36 biljun ta' operazzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur privat lokali fl-2017, li minnhom EUR 1,6 biljun huma taħt l-ELM. Is-self fil-forma ta' linji ta' kreditu għall-banek intermedjarji naqas bi kważi 30 % fl-2017 (EUR 2,2 biljun meta mqabbel ma EUR 3,16 biljun fl-2016), fil-biċċa l-kbira tiegħu minħabba l-volumi tal-linji ta' kreditu fit-Turkija li qed jonqsu. Min-naħa l-oħra, il-BEI ssottoskriva l-ewwel operazzjonijiet ta' kondiviżjoni tar-riskju, l-ewwel operazzjoni tal-munita lokali u numru rekord ta' self korporattiv. Il-BEI jistenna li b'dan il-mod jintlaħqu aktar benefiċjarji finali, peress li d-daqs medju tas-self naqas b'żewġ terzi (għal EUR 88 800), li kien ta' benefiċċju għall-intrapriżi ta' daqs iżgħar. Il-perjodu ta' maturità medju tas-self żdied b'sena (għal ħames snin).

Żvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika

L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika – li jinkludi kull ħaġa minn toroq u sistemi tal-enerġija għal faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u servizzi tal-internet broadband – huwa wieħed mill-pilastri tal-proċess tal-iżvilupp. Huwa wkoll pilastru li għalih il-finanzjament pubbliku spiss ikun vitali, fejn il-beni tal-infrastruttura huma spiss beni pubbliċi li għandhom riperkussjonijiet pożittivi kbar għall-ekonomija, għall-ambjent u għall-benessri uman. Il-BEI jappoġġa proġetti infrastrutturali f'firxa wiesgħa ta' setturi bis-saħħa tal-garanzija komprensiva tal-UE taħt l-ELM, li tkopri kemm ir-riskju operazzjonali kif ukoll dak politiku.

Fl-2017, il-BEI ssottoskriva 29 proġett ġdid li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika fir-reġjuni tal-ELM, li jammontaw għal EUR 2,81 biljun, li minnhom tmien proġetti ġodda huma fis-settur tat-trasport (EUR 1,2 biljun minflok EUR 2,1 biljun fl-2016) u seba' proġetti ġodda fis-settur tal-enerġija (EUR 903 miljun meta mqabbel ma' EUR 493 miljun fl-2016)[5]. Ħamsa mis-seba' proġetti ġodda fis-settur tal-enerġija se jiżviluppaw kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni minn sorsi rinnovabbli, fil-biċċa l-kbira fl-Asja u fl-Amerka Latina, u proġett wieħed – il-proġett tal-Park Eoliku fil-Golf ta' Suez – fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Flimkien, dawn il-proġetti se jipproduċu biżżejjed enerġija nadifa biex ifornu lil 4,35 miljun unità domestika fil-pajjiżi li jinsabu fihom. Erba' proġetti fis-settur tal-ilma u s-sanitazzjoni se joħolqu jew jirriabbiltaw 67 300 konnessjoni domestika għan-netwerks tad-drenaġġ u jtejbu s-servizzi tas-sanità ġenerali għal madwar 13,5-il miljun persuna. Il-Programme National Assainissement fil-Marokk se jaġġorna s-sistemi tal-ilma mormi f'għadd ta' bliet ta' daqs żgħir u medju, u dan se jkun ta' benefiċċju għal 1,2 miljun persuna. Il-proġett tal-ilma mormi u infrastrutturali ta' Tbilisi se jġib benefiċċji fil-belt kapitali Georgjana li għandha aktar minn 1,1 miljun resident.

Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih

Peress li kemm il-kawża kif ukoll l-effetti tat-tibdil fil-klima huma globali, l-estensjoni u l-espansjoni tal-finanzjament għall-klima lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri huma parti vitali mill-politika esterna u tal-iżvilupp tal-UE. Il-BEI jikkontribwixxi għall-ftehim globali straordinarju li ntlaħaq f'Pariġi fl-2015 li daħal fis-seħħ fil-konferenza tal-UNFCCC

5 Il-volum totali ta' sottoskrizzjonijiet tal-BEI fl-2017 taħt l-objettiv tal-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika kien ta' EUR 3,189 biljun (inklużi sottoskrizzjonijiet ta' partijiet ta' operazzjonijiet li tnedew diġà fis-snin preċedenti), li minnhom EUR 1,588 biljun ġew koperti mill-garanzija tal-UE taħt l-ELM.

f'Novembru 2016. Il-BEI għandu rekord tajjeb fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji li jappoġġaw il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Lokali tal-pajjiżi kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, il-pjanijiet u l-istrateġiji nazzjonali ta' mitigazzjoni u ta' adattament, u l-politiki favur enerġija u trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Mis-self il-ġdid li ġie ffirmat għar-reġjuni tal-ELM fl-2017, EUR 2,2 biljun se jikkontribwixxu għall-objettiv tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, li minnhom EUR 799 miljun huma koperti mill-garanzija baġitarja tal-UE taħt l-ELM. Fi kliem ieħor, 25 % tal-finanzjament li ġie ffirmat taħt l-ELM fl-2017 ikkontribwixxa għall-azzjoni klimatika. Dawn l-investimenti se jikkonsistu f'għadd kbir ta' proġetti kważi fis-setturi kollha. Dawn il-proġetti kollha jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tas-settur privat lokali jew għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali u ekonomika.

F'ħafna każi, parti biss minn proġett tikkontribwixxi għall-objettiv tat-tibdil fil-klima u għalhekk proporzjon biss mit-total tas-self għal dak il-proġett jiġi rrappurtat bħala self li jikkontribwixxi għal dan il-għan. L-analiżi tar-riżultati li kisbu l-proġetti tal-BEI tal-imgħoddi wriet li ħafna proġetti xorta jagħtu kontribut żgħir għall-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima anke jekk din ma tkunx l-għan ewlieni tal-proġett. Eżempju tipiku huwa linja ta' kreditu għall-SMEs li fiha xi proġetti ta' investiment minn negozji benefiċjarji jkunu jinvolvu l-kisba ta' iktar effiċjenza enerġetika fil-bini jew l-installazzjoni ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira, bħall-pannelli solari. Għaldaqstant, fl-2017 madwar 56 proġett ġdid taw kontribut għall-objettiv tal-azzjoni klimatika, fejn 25 minnhom huma linji ta' kreditu.

B'mod ġenerali, l-akbar kontribut bil-bosta għall-objettiv tal-azzjoni klimatika se jirriżulta mit-trasport b'emissjonijiet aktar baxxi tal-karbonju, li jammonta għal 51 % tal-volum totali, filwaqt li l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxu 36 % oħra f'self ġdid għall-azzjoni klimatika mhux tal-UE fl-2017. Il-mitigazzjoni bħall-evitar tal-metan fis-settur tal-iskart u tal-ilma mormi għad għandha rwol importanti, filwaqt li l-adattament jikkontribwixxi 4 %.

Bħal fit-tmiem tal-2017, il-proporzjon kumulattiv tal-finanzjament tal-BEI taħt il-mandat tal-ELM 2014-20 li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-azzjoni klimatika kien aktar minn 32 %.

Min-naħa tar-riżultati, il-Kummissjoni mhijiex qiegħda f'pożizzjoni li tirrapporta speċifikament dwar l-impatt klimatiku tal-operazzjonijiet li jiġu koperti mill-garanzija tal-UE. Fl-2017, ġew koperti 11-il proġett mill-proġetti tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM (inklużi operazzjonijiet iffirmati u allokazzjonijiet kbar approvati matul is-sena, u inklużi wkoll l-operazzjonijiet ta' riskju proprju) mill-Eżerċizzju tal-Marka tal-Karbonju tal-BEI. Huma jirrappreżentaw sottoskrizzjonijiet totali tal-BEI jew approvazzjonijiet ta' allokazzjoni ta' EUR 0,6 biljun. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra totali assoluti relatati ġew stmati mill-BEI bħala 0,4 tunellata metrika ekwivalenti għal CO2 kull sena, u l-karbonju sekwestrat mill-proġetti ta' forestrija bħala 0,1 tunnellata metrika ekwivalenti għal CO2 kull sena. L-emissjonijiet relattivi dovuti għall-finanzjament tal-2017 tal-proġetti inklużi fl-analiżi kienu stmati mill-BEI bħala 1,1 tunnellata metrika ekwivalenti għal CO2 kull sena[6].

6 Ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà tal-2017 tal-Grupp tal-BEI huwa disponibbli fuq http://www.eib.org/attachments/general/reports/sustainability_report_2017_en.pdf.

Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika (ERI)

L-ERI tagħmel parti mit-tweġiba tal-Ewropa għall-isfida tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati, bl-għan li jiġu indirizzati l-kawżi aktar fit-tul tal-migrazzjoni.

Sat-tmiem tal-2017, il-BEI approva EUR 1,5 biljun ta' proġetti previsti biex tingħata tweġiba għal dan l-objettiv il-ġdid tal-ELM, li jikkorrispondi għal 25 % tal-mira ta' EUR 6 biljun sat-tmiem tal-2020. Mill-proġetti approvati, 60 % minnhom huma fil-forma ta' linji ta' kreditu għas-settur privat u 15 % huma fis-settur tat-trasport. Il-BEI jistenna li dawn l-investimenti jsostnu 54 000 impjieg fl-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u li 2,4 miljun persuna jibbenefikaw minn servizzi mtejba tas-sanità. Skont l-Artikolu 20a tad-Deċiżjoni tal-ELM, il-Kummissjoni qiegħda twettaq valutazzoni dwar jekk il-proġetti li ġew approvati mill-BEI fl-2017 u li ġew proposti għall-inklużjoni taħt l-ERI jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni tal-ELM u għaldaqstant jistgħux jiġu koperti jew mill-mandat pubbliku tal-ERI jew mill-mandat privat tal-ERI stabbilit fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ELM.

Integrazzjoni reġjonali

Il-BEI ssottoskriva sitt proġetti ġodda fl-2017 li jagħtu kontribut għall-integrazzjoni reġjonali. It-total tal-finanzjament approvat tal-BEI għal dawn il-proġetti kien ta' EUR 221 miljun. Dawn il-proġetti jkopru l-konnessjonijiet tat-trasport, l-appoġġ għall-konverġenza permezz tal-iżvilupp tas-settur privat lokali u l-industrija u r-riċerka u l-iżvilupp.

3.2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-FINANZJAMENT TAL-BEI SKONT IR-REĠJUN U S-SETTUR

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-volum tal-finanzjament tal-BEI fl-2017 fir-reġjuni koperti mill-ELM, inklużi dawk b'garanzija tal-ELM (riskju komprensiv jew politiku) u dawk iffinanzjati taħt il-faċilitajiet tar-riskju proprju tal-BEI.

Tabella 1: Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2017 fir-reġjuni tal-ELM (netti mill-kanċellazzjonijiet)

Reġjuni tal-operazzjonijiet	Operazzjonijiet taħt l-ELM bil-garanzija tal-UE			Faċilitajiet tar-riskju proprju tal-BEI/fondi oħra	Total
(Miljuni ta' EUR)	Garanzija komprensiva	Kopertura għar-riskju politiku	ELM Totali		
Qabel l-Adeżjoni	170	-	170	667	**837**
Mediterranji	998	782	1 780	145	**1 925**
Il-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	511	146	657	57	**714**
L-Asja	118	-	118	1 105	**1 223**
L-Asja Ċentrali	22	-	22	100	**122**
L-Amerka Latina	341	30	371	271	**642**
L-Afrika t'Isfel	50	-	50	16	**66**
Total fir-reġjuni tal-Mandat	2 210	978	3 168	2 361	**5 529**

Il-BEI ssottoskriva EUR 5,55 biljun ta' self fir-reġjuni koperti mill-ELM fl-2017 minn total globali ta' EUR 7,3 biljun (inklużi l-pajjiżi tal-AKP u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej, kif ukoll l-istati tal-EFTA)[7]. Madwar EUR 3,5 biljun saru disponibbli fir-reġjuni ta' Qabel l-Adeżjni u fir-reġjuni tal-Viċinat (kemm tan-Nofsinhar kif ukoll tal-Lvant). Il-bqija (37 %) ġew sottoskritti fl-Asja, fl-Asja Ċentrali u fl-Amerka Latina.

Meta mqabbel mal-2016, il-volum totali tal-finanzjament tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM naqas b'madwar 20 %, li b'mod partikolari jirriżulta minn volumi mnaqqsa ta' operazzjonijiet fit-Turkija (fid-dawl tal-iskoperturi għoljin li tfasslu qabel) u fil-Viċinat tal-Lvant (fejn il-limitu massimu reġjonali oriġinali tal-garanzija tal-UE kien kważi ntlaħaq).

7 Iċ-ċifri ppreżentati fit-Tabelli 1 u 2 u ċ-Ċarts 1 u 2 huma netti mill-kanċellazzjoni ta' EUR 20 miljun taħt il-garanzija tar-riskju politiku tal-ELM fil-Viċinat tal-Lvant.

Tabella 2: Sottoskrizzjonijiet netti kull sena u sottoskrizzjonijiet netti kumulattivi meta mqabbla mal-limiti massimi tal-Mandat tal-UE matul l-2014-2020 (id-Deċiżjoni 466/2014/UE kif emendata mid-Deċiżjoni (UE) 2018/412)

Reġjuni/Snin miljuni ta' EUR	**2014 (it-tieni nofs)**	**2015**	**2016**	**2017**	**Total 2014-2017**	**Limitu massimu** (Wara r-rieżami ta' nofs it-terminu)	**Rata tal-użu**
Qabel l-Adeżjoni	200	906	582	170	**1,858**	8,075	23 %
Mediterranji	379	791	1,299	1,780	**4,249**	13,030	33 %
Il-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	975	1,401	1,493	657	**4,526**	6,650	68 %
L-Asja	45	433	45	118	**641**	1,165	55 %
L-Asja Ċentrali	70	70	20	22	**182**	224	81 %
L-Amerka Latina	219	468	319	371	**1,378**	2,694	51 %
L-Afrika t'Isfel	0	150	0	50	**200**	462	43 %
Total	**1,888**	**4,218**	**3,758**	**3,168**	**13,033**	**32,300**	**40 %**

Kif ġie ppreżentat hawn fuq, is-sottoskrizzjonjiet kumulattivi taħt l-ELM għall-2014-17, netti mill-kanċellazzjonijiet, laħqu madwar EUR 13-il biljun. Ir-rata tal-użu kumulattiva tal-ELM f'termini tas-sottoskrizzjonijiet netti kienet ta' 48 % fit-tmiem tal-2017 meta mqabbla mal-limitu massimu oriġinali tal-ELM li ġie stabbilit fl-2014 jew 40 % meta mqabbla mal-limitu massimu miżjud li ġie introdott matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ELM li tlesta f'Marzu 2018.

Ċart 2: Evoluzzjoni annwali tal-volumi tas-self tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM



Iċ-Ċart 2 turi l-evoluzzjoni tas-self taħt l-ELM u l-faċilitajiet għar-riskju proprju bejn l-2015 u l-2017. Matul dan il-perjodu, medja ta' 62 % tal-finanzjament tal-BEI f'dawn ir-reġjuni bbenefika mill-garanzija tal-UE, bi fluttwazzjonijiet annwali li varjaw bejn is-57 % u t-73 %.

L-għadd ta’ proġetti ta’ finanzjament b’kuntratti ffirmati mill-BEI fir-reġjuni koperti mill-ELM żdied minn 71 fl-2016 għal 85 fl-2017. Minn dawn il-85 kuntratt, 62 proġett kienu “ġodda” u l-ewwel kuntratt ta’ finanzjament tal-BEI ġie ffirmat fl-2017; fil-każ ta’ tmien proġetti, parti mill-finanzjament totali tal-BEI kienet ipprovduta permezz ta’ kuntratti li ġew iffirmati fis-snin preċedenti. Meta jitqiesu l-volumi tas-sottoskrizzjonijiet ġodda ġenerali aktar baxxi fl-2017, id-daqs medju tal-investimenti tal-BEI għal kull kuntratt huwa iżgħar minn qabel.

Tabella 3: Għadd ta’ operazzjonijiet iffirmati skont ir-reġjun (ir-riżorsi kollha) fl-2017

Reġjuni	Fondi minn Partijiet Terzi	ELM	ORF	Total
Qabel l-Adeżjoni		4	12	16
Pajjiżi Mediterranji		19	8	27
Il-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	7	13	2	22
L-Asja		2	7	9
L-Asja Ċentrali		1	1	2
L-Amerka Latina		5	4	9
L-Afrika t’Isfel		1	1	2
Total	**7**	**45**	**35**	**87**

Fl-2017, il-BEI naqqas b’mod sinifikanti s-self tiegħu fil-Balkani tal-Punent meta mqabbel mal-2016 (-23 %), fejn l-ammont laħaq EUR 330 miljun u żied is-self tiegħu fil-pajjiżi Mediterranji (+21 %), fejn l-ammont iffirmat laħaq EUR 1,9 biljun, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva ta’ Reżiljenza Ekonomika (ERI) tal-BEI.

Il-linji ta’ kreditu baqgħu s-settur ta’ attività bl-ogħla volum ta’ sottoskrizzjonijiet fl-2017, li pprovdew appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat permezz ta’ self intermedjat mal-banek lokali. L-ammont ta’ linji ta’ kreditu żdied b’mod partikolari fil-Viċinat tan-Nofsinhar b’rabta mal-ERI. Il-BEI baqa’ attiv ukoll fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija.

Tabella 4: Distribuzzjoni settorjali tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI sottoskritti fl-2017 taħt il-garanzija tal-ELM

Setturi/Reġjuni	Qabel l-Adeżjoni	Viċinat tan-Nofsinhar	Viċinat tal-Lvant	L-Asja	L-Asja Ċentrali	L-Amerka Latina	L-Afrika t’Isfel	Total	*Sehem tat-total*
Linji ta' kreditu	100	1 217	90	-	-	91	50	1 547	49 %
Trasport	20	309	410	68	-	124	-	931	29 %
Enerġija	-	115	84	-	-	80	-	278	9 %
Industrija	-	35	-	-	-	77	-	112	4 %
Ilma, sistemi ta' drenaġġi	-	34	21	50	-	-	-	105	3 %
Agrikoltura, sajd, forestrija	-	-	55		22	-	-	77	2 %

Edukazzjoni	-	53	-	-	-	-	-	53	2 %
Saħħa	50		-	-	-	-	-	50	2 %
Servizzi	-	17	17	-	-	-	-	34	1 %
Total	**170**	**1 780**	**677**	**118**	**22**	**371**	**50**	**3 188**	**100 %**

3.3. IMPATT U VALUR MIŻJUD TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-BEI

Il-Qafas tal-ReM jipprovdi valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom. Dan jgħin sabiex jiġi vvalutat l-allinjament mal-prijoritajiet tal-UE u l-valur miżjud tal-BEI. Fl-istadju ta' valutazzjoni, jiġu identifikati l-indikaturi tar-riżultati b'xenarji ta' referenza u miri li jbassru r-riżultati ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija tal-operazzjoni. Ir-riżultati mqabblin ma' dawk il-valuri referenzjarji speċifiċi ta' prestazzjoni jiġu mmonitorjati matul il-ħajja tal-proġett u jiġu rrappurtati f'żewġ stadji importanti: meta jitlesta l-proġett, u tliet snin wara li jitlesta l-proġett ("wara t-tlestija") fil-każ ta' operazzjonijiet diretti; lejn l-aħħar tal-perjodu ta' investiment u fi tmiem il-ħajja tal-fondi ta' ekwità privata, u fl-aħħar tal-perjodu ta' allokazzjoni fil-każ tal-għoti ta' self b'intermedjarji.

Il-proġetti jiġu kklassifikati mill-BEI skont tliet "Pilastri":

(i) Il-Pilastru 1 jikklassifika l-kontribuzzjoni mistennija għall-prijoritajiet tal-UE u tal-pajjiżi sħab kif ukoll l-eliġibbiltà skont l-objettivi tal-mandat tal-BEI.

(ii) Il-Pilastru 2 jikklassifika l-kwalità u s-solidità tal-operazzjoni, abbażi tar-riżultati mistennija.

(iii) Il-Pilastru 3 jikklassifika l-addizzjonalità finanzjarja u nonfinanzjarja mistennija tal-BEI.

Din it-taqsima tirrapporta r-riżultati mistennija tal-BEI dwar l-objettivi tal-politiki tal-UE kif irreġistrati mill-Qafas tal-ReM. L-ambitu ta' din it-taqsima fir-rigward tar-riżultati mistennija mhuwiex il-kuntratti kollha li ġew iffirmati fl-2017, iżda l-proġetti kollha li għalihom ġie ffirmat l-ewwel kuntratt ta' finanzjament fl-2017 (dawn jissejħu "proġetti ġodda"). Fi ħdan dan l-ambitu, fl-2017, fir-reġjuni tal-ELM ġew iffirmati 62 proġett ġdid taħt ir-riżorsi proprji tal-ELM u tal-BEI, bl-ammont totali approvat ta' EUR 5,7 biljun.

Ċart 3: Klassifikazzjonijiet ReM skont il-pilastri għall-operazzjonijiet ġodda ffirmati fl-2017



Fl-2017, it-62 proġett ġdid kollha ġew ikklassifikati mill-BEI mill-inqas bħala "tajbin" taħt il-Pilastru 1, li jfisser li jitqiesu li jikkonformaw mal-objettivi tal-ELM u li jagħtu kontribut kbir jew għall-objettivi tal-iżvilupp nazzjonali jew għal dawk tal-UE u kontribut moderat għall-oħrajn. Il-BEI kklassifikat 28 proġett bħala "eċċellenti" talli jagħtu kontribut kbir kemm għall-prijoritajiet tal-UE kif ukoll għall-objettivi tal-iżvilupp nazzjonali.

Il-klassifikazzjoni tal-Pilastru 2 hija bbażata fuq is-sodezza, is-sostenibbiltà finanzjarja u ekonomika, u s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali fil-każ tal-proġetti ffinanzjati direttament. Għal operazzjonijiet intermedjati, il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq ir-riżultati mistennija, ippeżati b'kunsiderazzjonijiet tar-riskju kif imkejla skont is-solidità tal-intermedjarju u l-kwalità tal-ambjent operatorju. Il-BEI kklassifikat tliet proġetti bħala "eċċellenti" u 54 proġett ġew ikklassifikati bħala "tajbin" taħt il-Pilastru 2, b'rata medja ta' ritorn ekonomiku ta' 10 % sa 15 % fil-każ ta' proġetti infrastrutturali. Il-BEI kklassifikat ħames proġetti bħala "aċċettabbli", spiss minħabba l-ambjenti ta' riskju għoli li jaffettwaw il-probabbiltà li jinkisbu r-riżultati ppjanati. Dawn jinkludu l-linji ta' kreditu ta' mikrofinanzjament fil-Georgia u fil-Palestina.

Taħt il-Pilastru 3, il-BEI kklassifikat 52 proġett bħala "għoljin" jew "sinifikanti" għat-tul tal-perjodu ta' maturità mogħti, li jaqbeż dak li huwa disponibbli fis-swieq lokali. Il-BEI kklassifikat 10 proġetti bħala "moderati". Skont il-Qafas tal-ReM, il-BEI fittex li jtejjeb l-aspetti tekniċi tat-tfassil tal-proġetti, isaħħaħ il-valur fit-tul u l-effettività tal-investimenti u/jew jappoġġa lill-promoturi biex ifasslu b'mod effettiv il-proġetti f'termini tal-istrumenti ta' finanzjament għal 40 proġett mit-62 proġett ġdid bi klassifikazzjoni minn "moderati" sa "għoljin".

Il-Kummissjoni se teżamina l-impatt u l-valur miżjud tal-operazzjonijiet taħt il-Mandat ta' Self Estern f'aktar dettall fl-evalwazzjoni li ġejja li għandha ssir sa Ġunju 2019, skont l-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni tal-ELM.

3.4 EŻERĊITAR FUQ IL-GARANZIJA TAL-UE

Fl-2017, il-BEI kompla jagħmel eżerċitar ġdid taħt il-Garanzija tal-UE bħala konsegwenza tal-ammonti dovuti fuq is-self sovran Sirjan. Mill-2012 għall-2017, il-BEI eżerċita l-ammont ta' EUR 365,3 miljun, li minnhom EUR 56,3 miljun huma fl-2017, filwaqt li l-ammont prinċipali residwu li potenzjalment seta' jiġi eżerċitat kien ta' EUR 261,7 miljun fit-tmiem tal-2017[8]. L-isforzi biex jiġu rkuprati l-ammonti dovuti ma rnexxewx sa issa.

Fl-2017, il-BEI u l-Kummissjoni Ewropea kkonkludew ftehim speċifiku dwar it-trattament tal-eżerċitar tal-BEI fuq il-garanzija tar-riskju politiku b'rispett għas-self tas-settur privat Aeroport Enfidha (it-Tuneżija). Iż-żewġ partijiet qablu li jaqsmu b'mod ugwali l-iskopertura pendenti taħt il-ftehim tas-self, it-tariffi, il-penali għal ħlas tard u l-imgħax akkumulat. L-iskopertura li tirriżulta għall-UE tammonta għal EUR 33,35 miljun. Għadhom qed isiru sforzi għall-irkupru.

4. KOOPERAZZJONI TAL-BEI MA' SĦAB OĦRA

4.1 KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI

Il-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-Mandat ta' Self Estern issir fil-kuntest ta' sħubija usa' bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, inkluż il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll il-faċilitajiet ta' taħlit li jappoġġaw l-attivitajiet ta' żvilupp tal-BEI u ta' IFIs oħra barra l-UE.

Id-Deċiżjoni tal-ELM titlob li l-Kummissjoni, is-SEAE u l-BEI jikkooperaw u jsaħħu l-allinjament tal-azzjonijiet esterni tal-BEI u l-objettivi tal-politika esterna tal-UE sabiex jimmassimizzaw is-sinerġiji bejn il-finanzjament tal-BEI u r-riżorsi baġitarji tal-UE. Dan isir l-iżjed permezz ta' djalogu u konsultazzjoni bikrija dwar il-politiki, l-istrateġiji u l-proġetti ppjanati. Il-Memorandum ta' Qbil, li ġie rivedut fl-2013, bejn il-Kummissjoni, is-SEAE u l-BEI fir-rigward tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni fir-reġjuni koperti mill-ELM kompla jiġi applikat, pereżempju permezz ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-proġetti ppjanati u l-informazzjoni ta' kuntatt.

Eżempju ta' din il-kooperazzjoni hija l-kolokazzjoni tal-uffiċċji tal-BEI fi ħdan id-Delegazzjonijiet tal-UE, bħall-ewwel uffiċċju permanenti tal-BEI fi New Delhi, li nfetaħ f'Marzu 2017.

Il-BEI kompla juża wkoll l-appoġġ dwar it-taħlit li jiġi offrut taħt il-Pjan ta' Investiment Estern (PIE) tal-UE. Fl-2017, ġew approvati 25 għotja u kapital ta' riskju ffinanzjat b'mod sħiħ jew parzjali mill-baġit tal-UE għal somma totali ta' kważi EUR 144 miljun għall-implimentazzjoni mill-BEI fir-reġjuni tal-ELM. Minn dawn, EUR 40 miljun ngħataw biex jintużaw bħala assistenza teknika, EUR 89 miljun bħala għotjiet ta' investiment u EUR 15-il miljun bħala kapital ta' riskju.

---

8 L-ammonti huma rrapportati fl-ekwivalenti tal-EUR mill-31 ta' Diċembru 2017 għal skopijiet indikattivi biss. Il-ħlas tal-ammonti eżerċitati jsir f'munita li tintgħażel mill-Kummissjoni.

Il-BEI huwa wkoll wieħed mis-sħab ta’ implimentazzjoni għall-garanzija l-ġdida tal-UE li tiġi offruta permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD). Madankollu, l-ELM u l-EFSD huma pjuttost immirati lejn tipi differenti ta’ prodotti, mutwatarji u ġeografiji. Pereżempju, l-EFSD ma jkoprix il-Balkani tal-Punent, filwaqt li l-ELM ma jkoprix partijiet kbar tal-Afrika. Barra minn hekk, il-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar il-garanziji tal-UE previst taħt l-EFSD huwa differenti mill-garanzija ta’ 7 seba' snin bil-quddiem ipprovduta lill-BEI għall-ELM.

It-taħlit iħeġġeġ relazzjonijiet ta’ kofinanzjament aktar b’saħħithom ma’ istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs) oħrajn u allinjament mal-politiki u mal-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest ta’ kull pajjiż rispettiv. Barra minn hekk, l-istruttura tal-governanza tal-faċilitajiet tat-taħlit tal-UE tippermetti u teħtieġ koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, mas-SEAE u ma’ IFIs oħra qabel il-preżentazzjoni ta’ proġett għat-taħlit ta’ riżorsi ta’ għoti mas-self tal-BEI. Din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni bniet fuq il-governanza tal-faċilitajiet tat-taħlit tal-UE fil-proposta tagħha għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) bħala parti mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali[9] tal-2021-27.

Il-Kummissjoni tkompli timpenja ruħha b’mod attiv mal-BEI f’għadd ta’ oqsma ta’ politika oħrajn, inkluż it-trattament tal-politika tal-BEI fir-rigward tal-evitar tat-taxxa u l-ġurisdizzjonijiet mhux kooperattivi. F’Jannar 2017, il-BEI ppreżenta l-approċċ *interim* tiegħu għall-politika tiegħu fir-rigward ta’ ġurisdizzjonijiet irregolati b’mod dgħajjef, mhux trasparenti u mhux kooperattivi (“politika NCJ”) u ġurisdizzjonijiet fiskalment sensittivi. Wara l-adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar “Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta’ taxxa” fil-5 ta’ Diċembru 2017, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-ELM emendata (2018/412) b’referenza espliċità għall-evitar tat-taxxa[10], il-BEI aġġorna l-politika NCJ tiegħu fi Frar 2019.

4.2. KOOPERAZZJONI MAL-OMBUDSMAN EWROPEW

Il-Memorandum ta’ Ftehim iffirmat bejn il-BEI u l-Ombudsman Ewropew fl-2008 jistabbilixxi l-bażi għal żewġ stadji tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI — dak intern (BEI-MI) u dak estern (l-Ombudsman) — approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI fl-2010 wara konsultazzjoni pubblika estensiva. Dan wassal għal fehim komuni tal-iskop u l-konsistenza tal-applikazzjoni fil-partijiet interni u esterni kollha tiegħu, b’attenzjoni speċifika għal:

- L-eżistenza ta’ Mekkaniżmu tal-Ilmenti intern effettiv (BEI-MI) li jittratta l-ilmenti mressqa minn partijiet esterni lill-BEI fl-unitajiet operatorji kollha tal-BEI;
- Dwar l-ilmenti relatati ma’ operazzjonijiet barra l-UE, inkluż il-mandati esterni, l-Ombudsman jimpenja ruħu li juża s-setgħa ta’ inizjattiva proprja tiegħu b’mod

9 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2018) 460 final tal-14 ta’ Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

10 Bl-istess mod, ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) ((UE) 2017/1601) u r-Regolamenti li jemendaw il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), ((UE) 2017/2396).

sistematiku sabiex jittratta l-ilmenti meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin tal-Unjoni jew residenti fiha;

- L-ambitu ta' rieżami tal-Ombudsman, bir-rikonoxximent li l-ewwel approċċ irid ikun dak tal-BEI-MI.

Matul l-2017, l-Ombudsman ma rċieva l-ebda lment relatat mal-attivitajiet tal-BEI fir-Reġjuni tal-ELM.

Il-BEI aġġorna l-Politika ta' Mekkaniżmu għall-Ilmenti tard fl-2018[11].

4.3. KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJIET INTERNAZZJONALI TA' FINANZJAMENT

Il-kooperazzjoni tal-BEI ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) tvarja minn djalogu dwar kwistjonijiet istituzzjonali, suġġetti orizzontali u kwistjonijiet tematiċi, u konsultazzjoni reċiproka, għal forom imtejba ta' kofinanzjament operazzjonali u kondiviżjoni tax-xogħol. Id-djalogu bejn l-IFIs ħafna drabi jsir fi gruppi ta' ħidma speċjalizzati li jiltaqgħu perjodikament sabiex jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki jew sabiex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi.

Il-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) kompliet fl-2017 taħt il-Memorandum ta' Qbil tal-2012. Il-BEI u l-BERŻ kellhom laqgħat regolari tal-Grupp ta' Kuntatt biex jiskambjaw l-opinjonijiet dwar ir-riżerva ta' operazzjonijiet fir-reġjuni li fihom joperaw it-tnejn li huma. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet qasmu informazzjoni dwar u ddiskutew suġġetti oħra ta' interess reċiproku. It-12-il laqgħa ta' dan il-grupp saret fit-13 ta' Novembru 2017 fir-rigward tal-Proposta għal Tariffa Konġunta għat-Taħlit, l-Istrateġija tal-Inklużjoni Ekonomika tal-BERŻ, il-Pjan ta' Investiment Estern tal-UE u l-ERI. Fl-2017, il-BEI u l-BERŻ ikkonfinanzjaw 11-il proġett, li minnhom, tliet proġetti ġew iffinanzjati wkoll minn KfW u/jew AFD. It-tmien proġetti li jifdal, bl-ispiża totali tal-proġetti ta' EUR 1 biljun, ibbenefikaw mill-kofinanzjament tal-BEI u tal-BERŻ.

L-MtQ li ġie ffirmat mill-BEI mal-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura (AIIB) f'Mejju 2016 f'Beijing jipprovdi l-qafas għar-relazzjonijiet bejn il-BEI u l-AIIB fl-oqsma tal-finanzjament konġunt ta' operazzjonijiet eliġibbli, il-qsim tal-għarfien u l-istabbiliment ta' laqgħat regolari ta' livell għoli. L-ewwel operazzjoni ta' kofinanzjament tal-BEI mal-AIIB saret fil-proġett tal-linji tal-metro ta' Bangalore fl-Indja. Il-BEI kompla jikkollabora wkoll mal-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp (ADB), b'koinvestiment fi tliet proġetti.

Il-BEI jikkoopera wkoll mal-Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp (DFIs) tal-Istati Membri tal-UE. Fl-2017, ġew ikkofinanzjati tliet proġetti mill-BEI mal-Aġenzija Franċiża tal-Iżvilupp (AFD) fir-reġjuni tal-ELM, fejn l-ispiża totali tal-proġett qabżet il-EUR 1,2 biljun. Ġew ikkonfinanzjati erba' proġetti mill-Grupp KfW tal-Ġermanja, fejn l-ispiża totali tal-proġett kienet ta' EUR 1,5 biljun. Ġew ikkofinanzjati ħames proġetti oħra kemm mill-KfW kif ukoll mill-AFD, fejn l-ispiża totali tal-proġett laħqet kważi l-EUR 1,9 biljun. Il-BEI, l-AFD u KfW jikkooperaw mill-qrib ukoll fil-kuntest tal-Inizjattiva ta' Dipendenza Reċiproka (MRI). L-MRI, li tnediet fl-2013, tipprevedi li t-tliet sħab tal-MRI jibbażaw fuq wieħed minnhom biex iwettaq ċerti kompiti, eż. parti mid-diliġenza dovuta tal-proġetti jew is-superviżjoni tal-

11 http://www.eib.org/en/infocentre/publications/all/complaints-mechanism-policy.htm

akkwisti. Il-promoturi japprezzaw il-proċessi ssimplifikati li jirriżultaw. Il-korpi tat-tmexxija u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-sħab tal-MRI saru midħla tad-dokumenti mħejjija minn istituzzjoni oħra li huma jużaw għad-deċiżjonijiet tagħhom stess.

Iċ-ċart ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ammonti ta' konfinanzjament impenjati minn IFIs jew DFIs nazzjonali oħra flimkien mal-investimenti tal-BEI.

Ċart 4: Kofinanzjament ta' IFIs u DFIs mal-proġetti tal-BEI li ġew iffirmati fl-2017



Minbarra d-diversi gruppi ta' ħidma u inizjattivi li jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet (il-klima, l-infrastruttura, il-finanzi, ir-riskju, il-kejl tar-riżultati, l-evalwazzjoni *ex post*, il-ġestjoni tad-dejn, eċċ.), il-kooperazzjoni bejn il-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) isseħħ ukoll fl-ogħla livell istituzzjonali. Fl-2017, diskussjonijiet ta' livell għoli bejn l-MDBs iffukaw fuq kif jista' jissaħħaħ l-appoġġ tal-MDB għall-Azzjoni Klimatika u kif jista' jingħata kontribut għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Il-ħidma ta' MDBs konġunti fuq għadd ta' sfidi globali intensifikat matul l-2017, li tirrifletti d-dinamika globali li qed tinbidel u ż-żieda fit-theddid għall-multilateraliżmu. Filwaqt li huma impenjati għall-oqfsa internazzjonali stabbiliti permezz tal-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, l-MDBs ħadmu flimkien biex jespandu l-isforzi ta' kooperazzjoni dwar l-infrastruttura sostenibbli, il-klima u l-migrazzjoni. Il-ħidma fuq l-Azzjoni Klimatika kompliet bit-tħejjija tas-COP 23 kif ukoll is-Summit Pjaneta Waħda li sar f'Pariġi f'Diċembru 2017. Mis-Summit Umanitarju tal-2016 f'Istanbul, l-MDBs kienu qed jikkollaboraw fuq it-tema tal-migrazzjoni, jipparteċipaw fi grupp ta' ħidma dwar il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat. Fl-2017, din il-kooperazzjoni kompliet tiġi estiża bi proposta konġunta tal-BEI/il-Grupp tal-Bank Dinji, bi tweġiba għal talba preċedenti tal-G7, għal pjattaforma ta' kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni ekonomika u ċ-ċaqliq sfurzat.

Il-BEI kompla jsaħħaħ ukoll ir-rabtiet tiegħu mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) abbażi tal-Memorandijiet ta' Qbil li ġew iffirmati mal-Organizzazzjoni Industrijali tan-NU (UNIDO), il-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu (IFAD) u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO). Il-BEI u l-Programm ta' Żvilupp tan-NU (UNDP) iffirmaw

Memorandum ta' Qbil f'Ottubru 2016. L-enfasi tematika ta' din is-sħubija hija r-reazzjoni għat-tibdil fil-klima, ir-reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' wara kriżi, il-kriżi tal-migrazzjoni u l-promozzjoni ta' swieq inklużivi u tal-intraprenditorija, u l-ġenerazzjoni tal-impjiegi. Fl-2017, filwaqt li tibni fuq il-kollaborazzjoni fuq il-proġetti fl-Armenja, fil-Georgia u fl-Ukrajna, u b'mod partikolari fuq proġett pilota li ġie implimentat mill-UNDP f'Yerevan, is-sħubija bejn il-BEI u l-UNDP ippermettiet l-ingranaġġ ta' sors ġdid ta' finanzjament klimatiku, il-Fond Ekoloġiku għall-Klima (GCF), biex jiġu appoġġati t-tneħħija tar-riskji u l-iskalar tal-investiment fil-modifiki retroattivi għal bini effiċjenti fl-enerġija fl-Armenja.